**PARROĊĊA TA’ SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju Parrokkjali 21551649 • www.nadurparish.com • nadurparish@churchingozo.mt / nadurparishoffice@gmail.com*

Nhar **t-Tlieta 8 ta’ Settembru** pajjiżna jiċċelebra il-festa nazzjonali ta’ Jum il-Vitorja, jum ta’ rebħa li fl-1565 providenzjalment ħabtet mal-festa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija. Hekk il-poplu Malti għaraf kif fi ġrajjietu hemm dik l-id ħanina ta’ Marija li tipproteġih.

Tkun ħaġa veru sinjifikattiva u sabiħa li din il-ġurnata ta’ btala pubblika, ngħixuha fil-mistrieħ mal-familji tagħna ħalli napprezzaw id-don tal-ħajja li ngħatalna, u nberkuha bil-Quddiesa sabiex niftakru u nirringrazzjaw lill-Mulej ta’ kemm ħabbna matul l-istorja ta’ ħajjitna: ħabbna tant li tana anki lil Marija sabiex tkun l-Omm us-Sultana tagħna, l-Avukata li kontinwament tiddefendina kontra l-ħażen ta’ din id-dinja u bi ħniena kbira turina lil Binha Ġesù, il-veru Salvatur tagħna.




*Il-ħinijiet tal-Quddies fin-Nadur ikun bħal fost il-ġimgħa.*

Iċ-Ċimiterji tagħna jiftħu mis-7.00am sas-7.00pm.

---

Id-Day Centre tal-Anzjani se jerġa' jiftaħ fit-8 ta' Settembru. Minħabba li ma nistgħux nużaw is-Sala Parrokkjali se nibdew niltaqgħu fis-sala tal-Banda Mnarja. Nibdew l-attività bħas-soltu fid-9am u min għandu bżonn trasport ikellem lil Lina Mifsud fuq 99260629.




---

Illum il-Ħadd 6 ta' Settembru l-quddiesa tal-5.00pm ser tkun iċċelebrata minn Fr Antoine Borg, id-Direttur ta’ Radju Marija li ser ikun magħna flimkien ma' team ta’ kollaboraturi. Għal min jixtieq wara l-quddiesa jkunu jistgħu jinfurmawna aħjar dwar is-servizz tagħhom.

Bħalissa bdejna nħejju l-kalendarju tal-parroċċa 2027. Bħas-sena l-oħra xtaqna nerġgħu nipprovdu wkoll, fuq l-istil ta’ direttorju, lista ta’ kuntatti tat-telefon tas-servizzi li nistgħu niġu bżonn bħalma huma ristoranti, bars, ħwienet u negozji bi ħtiġijiet għad-dar, kif ukoll servizzi tal-kura u s-saħħa fiżika. Għalhekk qed insejħu lil dawk in-Nadurin kollha li qed joffru servizzi ta’ dan it-tip fir-raħal tagħna jew fi rħula oħra sabiex jekk jixtiequ jikkuntattjaw l-Uffiċċju Parrokkjali jew lil Maria Attard, ħalli nqiegħdu l-kuntatt tagħhom f’paġna apposta fil-kalendarju tal-2027.

GĦALL-MISSJONI: Fl-Uffiċċju Parrokkjali qed jinġabar il-lewż morr biex wara jinbiegħ lil min jagħmel il-ħelu. Niġbru wkoll fliexken vojta tal-kafè (ta’ 200g).

### IL-ĦIN TAL-QUDDIES

BAŻILIKA. **Fost il-ġimgħa**: 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm.
**Ħdud u festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm.
KAPPELLA TAS-SORIJIET. **Fost il-ġimgħa**: 7.00am. **Ħdud:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż).
KNISJA QALB TA’ ĠESÙ. **Fost il-ġimgħa**: 11.00am. **Ħdud:** 7.00am.
KAPPELLA S. TEREŻA TA’ KALKUTTA (TA’ KENUNA). **Ħdud:** 7.30am.

On **Tuesday, 8 September**, our country celebrates the national feast of Victory Day, a day of triumph which, in 1565, providentially coincided with the Feast of the Nativity of the Blessed Virgin Mary. In this way, the Maltese people recognised that throughout their history there has been the gentle hand of Mary protecting them. It would be truly meaningful and beautiful if we were to spend this public holiday resting with our families, appreciating the gift of life that has been given to us, and sanctifying the day by attending Holy Mass. In this way, we remember and thank the Lord for how much He has loved us throughout the history of our lives: He loved us so much that He even gave us Mary to be our Mother and Queen, our Advocate, who continually defends us against the evil of this world and, with great mercy, shows us her Son Jesus, our true Saviour.

The times of Mass in Nadur will be the same as on weekdays. Our cemeteries will be open from 7.00 a.m. until 7.00 p.m.

Saturday 10th September
starting at 6:30 p.m.
**at the MUSEUM**
**Branch, Victoria Gozo.**

Today, Sunday 6 September, the 5.00 p.m. Mass will be celebrated by Fr Antoine Borg, Director of Radju Marija, who will be with us together with a team of collaborators. Anyone who wishes may stay after Mass to learn more about their service.




The Day Centre for the Elderly will reopen on 8 September. Since we are unable to use the Parish Hall, we will begin meeting in the Mnarja Band Club hall. Activities will begin as usual at 9.00 a.m. Anyone who requires transport should contact Lina Mifsud on 99260629.

**FOR THE MISSIONS:** Bitter almonds are currently being collected at the Parish Office so that they can later be sold to those who make traditional sweets. We are also collecting empty 200g coffee jars.

We have now begun preparing the 2027 parish calendar. As we did last year, we would also like to include, in the style of a directory, a list of telephone contacts for services that we may need, such as restaurants, bars, shops and businesses providing household necessities, as well as healthcare and physical wellbeing services. For this reason, we are inviting all residents of Nadur who offer services of this kind, either in our village or in other villages, and who would like their details to be included, to contact the Parish Office or Maria Attard so that their contact information can be placed on a dedicated page in the 2027 calendar.

## HOLY MASS TIMES

BASILICA. **Weekdays**: 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm.

**Sundays & Feastdays:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm.

FRANCISCANS' CHAPEL. **Weekdays**: 7.00am. **Sundays:** 6.15am; 10.00am (in English).

SACRED HEART CHURCH. **Weekdays**: 11.00am. **Sundays:** 7.00am.

ST. THERESA OF CALCUTTA (TA' KENUNA) CHAPEL. **Sundays:** 7.30am.